MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2487/2003

**Anthony u Josephine konjugi Pace**

**Vs**

**Rita Dalli**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm509.12c (hames mija u disa' liri Maltin u tnax-il centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku bejn il-vettura LCE 774 proprjeta' ta' l-atturi u misjuqa mill-attrici Josephine Pace u l-vettura tal-konvenuta FBH 185 ghal liema ncident l-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta qalet li mhix responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report fejn Josephine Pace qalet:

“I was proceeding along Triq Ghar Dalam, B’Bugia from the direction of B’Bugia towards Bir id-Deheb on the outer lane of the road. As I was going to reach Triq iz-Zejtun I put on my right indicator to turn M’Xlokk. As I was turning to my right hand side the collision occurred.”

Fl-istess Road Accident Report il-konvenuta Rita Dalli qalet:

“I was proceeding along Triq Ghar Dalam, B’Bugia from the direction of B’Bugia towards Bir id-Deheb behind an unknown vehicle on the inner lane of the road. As I turned to my right hand side towards Triq iz-Zejtun to proceed to M’Xlokk the collision occurred with vehicle number LCE 774.”

Ra x-xhieda ta’ PS 359 Carmelo Abdilla fejn jikkonferma li nvestiga l-incident in kwistjoni. Jghid li ghamel *zewg arrows* fl-iskizz biex juri li l-vettura LCE 774 kienet fuq in-naha ta’ barra cjoe’ quddiem il-vettura tal-konvenuta.

Ra x-xhieda ta’ Josephine Pace fejn tikkonferma li qalet fir-Road Accident Report. Taqbel ma’ l-iskizz hlief li tghid li kienet iktar ‘il barra ghaliex kienet diga’ bdiet iddur hekk kif muri d-daqqa fuq il-vettura.
Ra x-xhieda ta’ Rita Dalli fejn tichad li qalet lis-Surgent li kienet fuq l-*inner lane*. Tichad ukoll li ccaqalqet mill-*inner lane* ghall-*lane* ta’ barra. Tghid li l-vettura li habtet maghha ma rathiex qabel l-incident.

Illi diversi fatturi juru li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident:

1. Mill-iskizz u mill-hsarat fuq il-vetturi jidher li l-vettura ta’ l-attrici kienet quddiem dik tal-konvenuta.

2. Ezatt wara l-incident il-konvenuta qalet lill-pulizija li kienet qieghda “behind an unknown vehicle on the inner lane”.

3. Ghalkemm il-konvenuta cahdet li qalet li kienet *on the inner lane* l-pulizija li nvestiga l-incident qal li l-konvenuta kienet fuq l-*inner lane*.

4. Fix-xhieda taghha l-konvenuta qalet li l-incident gara meta sabet lill-attrici quddiemha.

5. Il-konvenuta qalet li ma kienetx rat lill-vettura ta’ l-attrici qabel l-incident.

6. Il-konvenuta qalet li kellha l-attenzjoni mitlufa fuq il-vettura quddiemha.

7. Fi Triq Ghar Dalam, B’Bugia fejn gara l-incident m’hemmx spazju biex zewg vetturi fl-istess direzzjoni jsuqu biswit xulxin. Il-konvenuta kellha d-dover li tara l-vettura quddiemha.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-konvenuta naqset li zzomm *a proper lookout* u tara dak li kien hemm fit-triq.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta u jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas Lm509.12c (hames mija u disa’ liri Maltin u tnax-il centezmu) bl-imghax mid-29 ta’ Dicembru, 2003 u bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------